MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1653/2001/1

**Innocent Farrugia**
**Vs**
**Frank Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-partijiet dahlu fi skrittura privata (Dok A) li fiha l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef lira Maltin (LM6,000), rapprezentanti danni li l-attur sofra minhabba telf ta' negozju ta' l-attur, kif spjegat f'skrittura privata datata 22 ta' Awissu 2000 (Dok B) u dan bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' hlas fuq appalt li sar mill-attur lill-konvenut:

Peress illi s-somma ta' sitt elef lira Maltin (LM6,000) huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-atturi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba li qed issirlu;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tghaddi biex tiddecidi fuq it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smiegh ghat-termini tal-artikolu 167 ta' Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef lira Maltin (LM6,000), oltre l-imghax legali ammont minnu dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjes tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, prezentata wara u in forza ta' digriet moghti fit-28 ta' Novembru 2001, li biha eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok, u in kwantu li t-talbiet attrici huma bbazati fuq l-iskrittura annessa mac-citazzjoni (Dokument A) in-nullita ta' dik l-iskrittura stante l-istess tinkorpora ftehim simulata biex biha tinheba l-uzura; illi l-istess skrittura hi inoltre nulla u bla ebda effett fil-ligi stante li nieqsa mill-kunsens tal-parti indikata bhala debitrici.

2. Fit-tieni lok, u in kwantu li t-talbiet attrici jinkwadraw talba ghall-hlas ta' ammont rappresentanti danni, l-irritwalita tal-istess talba billi ma hemmx talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita u ghall-likwidazzjoni ta' danni.

3. Fit-tielet lok illi l-konvenut ma hu bl-ebda mod responsabbli ghal danni kif premessi fic-citazzjoni u ma ghandux jaghti lill-konvenut l-ammont reklamat fic-citazzjoni.

4. Fir-raba lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta li in forza ta’ skrittura privata [Fol.6] mghamula bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Awissu 2000 fil-prezenza tal-Avukat Dottor Malcom Mifsud, il-konvenut ikkostitwixxa ruhu debitur fis-somma ta’ Lm6,000 lejn l-attur, pagabbli sal-15 ta’ Jannar 2001 bl-imghax annwu tat-8% minn din id-data fin-nuqqas.

Jirrizulta wkoll li l-attur kien ippressat ghal dawn il-flus minhabba impenji ta’ negozju u rabta kontrattwali li kellu ma’ terzi; izda nonostante li l-konvenut kien a konoxxenza ta’ dan u nonostante l-insistenza ossia pressjoni da parti tal-attur sabiex jigi sodisfatt dan il-kreditu, il-konvenut baqa’ inadempjenti fl-obbligi tieghu naxxenti mill-imsemmija skrittura.

Illi minn naha tieghu, fix-xhieda tieghu l-konvenut qed jisostni li huwa kien gie imgieghel jiffirma din l-iskrittura wara theddid da parti tal-attur. In fatti huwa qed jeccepixxi li l-iskrittura hija nulla minhabba nuqqas ta’ kunsens. Qed jeccepixxi wkoll li l-iskrittura hija kolpita minn simulazzjoni, stante li saret sabiex “tinheba l-uzura”. Inoltre, jeccepixxi l-irritwalita’ tat-talba attrici stante li l-ammont indikat fl-iskrittura jirraprezenta danni u t-talba attrici ma gietx preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ u konsegwenzjali likwidazzjoni ta’ danni.

Illi l-Qorti tosserva li, ghajr ghall-allegazzjoni tieghu nuda u cruda, il-konvneut ma pproduca ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni tieghu, li l-ammont jahbi l-uzura u li huwa kien gie mhedded biex jiffirma l-iskrittura precitata. L-attur minn naha tieghu jinnega dan kollu, u l-fatt li l-iskrittura saret fil-presenza ta’ Avukat taghti grad ta’ konfront lix-xhieda tieghu.

Kull ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerita' u tar-realta'*[App.Civ.Carmelo Cini vs Alfred Zammit [1986] Vol.70.2.204]* u anke tal-legalita', u huwa l-oneru ta' min jallega l-kuntrarju li ghandhu jressaq provi sodisfacenti ta' dak minnu allegat in omagg ghall-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Fil-kaz in disamina, ma ngabet ebda prova dwar l-allegazzjonijiet tal-konvneut u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma treggix.

Illi in kwantu ghat-tieni eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li l-azzjoni in disamina hija wahda ex contractu u bazata fuq l-obbligi tal-konvenut naxxenti minn skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu, u ghalhekk l-argument tal-konvenut li t-talbiet attrici huma irritwali ghax ma humiex diretti lejn dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u likwidazzjoni ta' danni, hija insostenibbli fid-dritt, stante li din mhijex azzjoni bazata fuq danni kontrattwali.

Illi anke t-tielet azzjoni hija insostenibbli, stante li, filwaqt li rrizulta li l-konvenut ghadu inadempjenti fil-hlas tas-somma indikata fl-iskrittura u fic-citazzjoni, ma ngabet ebda raguni valida, u sostnuta mill-provi, ghaliex dan l-ammont ta' Lm6,000 m' ghandux jithallas. In fine jigi rilevat, li ma tezisti ebda raguni ghaliex il-konvenut inadempjenti m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' sitt elef lira maltin [Lm6,000] flimkien mal-imghax legali kif mitlub; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------